9/6/2011

Z. G.

Bord ta' l-Appelli Dwar it-Turizmu

Appell fl-ismijiet:

Bajja Investments Limited

Vs

L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta

MTA ref: SB/3055

Illum 30 ta' Mejju, 2011.

Il-Bord:

Jirreferi ghall-provvediment li nghata nhar it-18 ta' April, 2011, fejn is-Sinjuri Hili gew mitluba biex jipprezentaw ittra spjegattiva ndirizzata lis-Segretarju tal-Bord fejn juru l-interess guridiku taghhom qabel ma jigu ammessi jintervjenu *in statu et terminis* juru;

Jirreferi ghad-digriet tieghu moghti fit-13 ta' Mejju 2011 li gie revokat *contrario imperio* waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011;

Ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni ezebita mis-Sinjuri Hili in sostenn ta' l-interess taghhom kif ukoll dak ta' l-appellanti;

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonstata li s-Sinjuri Hili ezebew affidavit b'serje ta' dokumentazzjoni mehmuza qabel ma gew ammessi jintervjenu in statu et terminis u meta ma gewx mitluba jaghmlu hekk;

Per konsegwenza, jordna l-isfilz tad-dokumentazzjoni kollha ezebita mis-Sinjuri Hili in sostenn ta' l-interess taghhom;

Jinnota, pero`, li s-Sinjuri Hili kienu pprezentaw ittra datata 3 ta' Marzu 2011 fejn talbu jintervjenu *in statu et terminis* u taw fejn spjegazzjoni wkoll tan-natura ta' l-interess taghhom;

Jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet <u>Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici, Rita Testaferrata Bonici u Marie Bianchi vs Evelyn Micallef xebba, Rosa mart Giuseppi Vella u Maria mart John Muscat u b' digriet tal-15 ta' Marzu 2004 intervjena fil-kawza *in statu et terminis* Angelo Agius</u> moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar 2007 fejn il-Qorti kkonstatat is-segwenti dwar l-interess li ghandu jkollu terz biex jiddahhal jintervjeni:

> *Konformament mas-sistema procedurali taghna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni necessarja biex terz jiddahhal fil-kaz hi dik li dan hu titolari ta' dritt soggettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-*

*domanda tieghu biex jintervjeni ghandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-ohra fuq l-istess oggett sostanzjali tal-kawza, dan jiggustifika dak li mill-prattici huwa denot bhala "simultaneus processus"*

Fid-dawl ta' l-insenjament tas-sentenza msemmija, tqis li s-Sinjuri Hili rnexxielhom juru li ghandhom l-interess guridiku mehtieg.

Dwar id-drittijiet ta' l-istess Sinjuri Hili *qua* intervenjenti *in statu et terminis* il-Bord jaghmel referenza ghall-istess sentenza fejn il-Qorti ta' l-Appell spjegat kif gej:

> *Bhala terz interessat ammess fil-proceduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell'azione intentata"* ***(Kollez. Vol. XVI P I p 117).*** *Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Artikolu 9h0) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-procediment. B' danakollu, kif issokta jigi enuncjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib 'il quddiem ir-ragunijiet tieghu"* ***(Kollez. Vol. XXXII P I p 477).*** *Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tieghu biex jiddahhal fil-kawza, huwa kellu d-dritt li jippartecipa fl-incidenti kollha taghha u li, sa dak il-mument, kienu ghadhom mhux decizi. Dan hu seta' jaghmlu anke billi jressaq l-eccezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara* ***"Joseph Galea -vs- Alfred Cardona"****, Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju 1987 u lkazistika f'din kompendjata*

In vista ta' dan, dan il-Bord sejjer jammetti lis-Sinjuri Hili biex jintervjenu *in statu et terminis* ai termini ta' l-artikolu 960 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-fakultajiet kollha lilhom koncessi mil-Ligi.

Kopja ta' dan id-digriet ghandha tigi notifikata lid-difensuri tal-partijiet.

John Cremona (Chairman)

Alfred Cassar Reynaud

Gaetano Cristina

Vera kopja

Julian Zarb
Segretarju tal-Bord